



Brussell, 8 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16450/23

RECH 543
COH 96
COMPET 1235

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	8 ta' Diċembru 2023
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 15118/23	
Suġġett:	It-tiżiż tar-rwol u l-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-proċess tat-tfassil tal-politika fl-Unjoni - Konklużjonijiet tal-Kunsill (approvati fit-8 ta' Diċembru 2023)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar *it-tiżiż tar-rwol u l-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-proċess tat-tfassil tal-politika fl-Unjoni*, approvati mill-Kunsill fit-3993 laqgħa tiegħu.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IT-TISĦIĦ TAR-RWOL U L-IMPATT
TAR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI FIL-PROĊESS TAT-TFASSIL TAL-POLITIKA
FL-UNJONI**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR:

- fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2020¹ dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) il-ġdida, li jirreferu għall-hteġa li jiġi sfruttat b'mod aktar effettiv il-potenzjal tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) għas-soċjetà u l-ekonomija u li affermaw mill-ġdid il-mira ta' investiment ta' 3 % tal-PDG tal-Unjoni fir-riċerka u l-iżvilupp. Sabiex tingħata prijorità lill-investimenti u r-riformi, l-Istati Membri jistgħu jaġġornaw il-miri nazzjonali tagħhom biex jirriflettu l-prijoritajiet il-ġodda tal-Unjoni u ċ-ċirkostanzi nazzjonali;
- fil-konklużjonijiet tiegħu dwar Teknoloġiji tad-Data għal Titjib tar-"Regolamentazzjoni Aħjar" ta' Mejju 2021², li jenfasizzaw il-fatt li proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet robust u bbażat fuq l-evidenza huwa rekwiżit ewlieni għall-antiċipazzjoni tal-potenzjal u r-riskji tal-isfidi emerġenti u l-hteġa għal sforz komuni biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-Ewropa, u biex jitwasslu politiki aħjar u qafas regolatorju aktar validu għall-futur, favorevoli għall-innovazzjoni, prevedibbli, konsistenti u effiċjenti;
- fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Settembru 2021³ dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni – L-Istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f'dinja li qed tinbidel, li jissottolinjaw li l-approċċ globali tal-Unjoni għar-R&I għandu jinbena fuq il-prinċipji ta' tal-aċċess miftuħ, multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli, valuri u prijoritajiet kondiviżi, il-faċilitazzjoni taċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien u l-iskambju ta' ideat, u jenfasizzaw l-importanza tal-integrazzjoni tal-Approċċ Globali għar-R&I fl-azzjoni esterna tal-Unjoni;

¹ 13567/20.

² 9215/21, p. 9 u 17.

³ 12073/21

- fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Novembru 2021⁴ dwar il-governanza futura taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, li jagħrfu r-rikonoxximent soċjetali usa' u ż-żieda fl-aspettattiva tar-rwol tar-R&I u l-isfruttament tagħhom fl-indirizzar tal-isfidi soċjetali, ambjentali u ekonomiċi attwali u futuri;
- fir-Rakkomandazzjoni tiegħu dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa ta' Novembru 2021⁵, li tistabbilixxi l-oqsma ta' prijorità għal azzjoni konġunta u sett komuni ta' valuri u prinċipji għar-R&I fl-Unjoni, inkluż il-prinċipju tal-ħolqien tal-valur u l-impatt soċjetali u ekonomiku tar-R&I, flimkien ma' mekkaniżmi msaħħa ta' koordinazzjoni u monitoraġġ tal-politika fiż-ŻER;
- fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2022⁶ dwar ir-Rapport Speċjali 15/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Il-miżuri biex titwessa' l-parteċipazzjoni f'Orizzont 2020 tfasslu tajjeb, iżda bidla sostenibbli ser tiddependi l-aktar fuq l-isforzi mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali", li fost l-oħrajn jieħdu nota tar-rakkomandazzjoni tal-Qorti li jiġi mmirat għal parteċipazzjoni aktar ġeografikament ibbilanċjata ta' pajjiżi tat-twessigħ fil-miżuri ta' twessigħ, u jappellaw ukoll lill-Kummissjoni jekk jirriżultaw żbilanċi sinifikanti kontinwi, biex tivvaluta l-ħtieġa għal aktar azzjonijiet imfassla apposta u attivitajiet ta' networking immirati, filwaqt li jkun żgurat li l-allokazzjoni tal-finanzjament tkompli tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' eċċellenza;
- fir-Rakkomandazzjoni tiegħu dwar il-prinċipji gwida għall-valorizzazzjoni tal-ġharfien ta' Diċembru 2022⁷, li tirreferi għall-ħtieġa li jissaħħu l-istrutturi, il-proċessi u l-prattiki fl-użu tar-riżultati tar-riċerka u l-ġharfien xjentifiku għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi u l-iżvilupp u r-reviżjoni tal-istandards;

⁴ 14308/21.

⁵ ĠU L 431, 2.12.2021, p. 1–9.

⁶ 13426/22.

⁷ ĠU L 317, 9.12.2022, p. 141–148.

- fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2022⁸ dwar l-Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni l-Ġdida (NEIA), li jenfasizzaw il-ħtieġa li jittejjbu u jiġu kkonsolidati l-ekosistemi tal-innovazzjoni hekk kif l-Ewropa qed tkompli tħabbat wiċċha ma' disparitajiet reġjonali u nazzjonali sinifikanti u distakk persistenti fl-innovazzjoni, u li jenfasizzaw ukoll li l-ekosistemi tal-innovazzjoni għandhom dimensjoni reġjonali u nazzjonali b'saħħitha li għandha titqies bis-siġh meta tiġi żviluppata l-politika tal-innovazzjoni;
- fil-konklużjonijiet tiegħu dwar ir-Rapport Speċjali Nru 23/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Sinerġiji bejn Orizzont 2020 u Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej - il-potenzjal kollu tagħhom għadu ma ntużax"⁹ ta' Marzu 2023, li jinkoraġġixxu l-inklużjoni ta' sinerġiji fl-ippjanar strateġiku, l-ipprogrammar u l-implimentazzjoni, fejn rilevanti, pereżempju fi strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti (S3), sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal siġh tal-investimenti fis-settur tar-R&I fl-Ewropa;
- fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2022¹⁰ dwar l-Evalwazzjoni tar-riċerka u l-implimentazzjoni tax-Xjenza Miftuħa, li jissuġġerixxu li l-evoluzzjoni tas-sistemi ta' valutazzjoni tar-riċerka fl-Ewropa għandha tkun iggwidata, fost l-oħrajn, minn prinċipji gwida li jqisu l-"perkorsi ta' karriera differenti u l-attivitajiet kollha ta' riċerka u innovazzjoni, inkluż (...) l-appoġġ għat-tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza";

⁸ 15602/22.

⁹ 7258/23.

¹⁰ 10126/22.

- fir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)¹¹, fejn il-kamp ta' applikazzjoni tal-Faċilità jirreferi għal oqsma ta' politika ta' rilevanza Ewropea strutturati f'sitt pilastri, li huma t-tranżizzjoni ekoloġika; it-trasformazzjoni diġitali; it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, inkluż il-koeżjoni ekonomika, l-impjieg, il-produttività, il-kompetittività, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u suq intern li jiffunzjona tajjeb b'SMEs b'saħħithom; il-koeżjoni soċjali u territorjali; is-saħħa, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali, bil-għan li, fost l-oħrajn, tizzied it-tnejja għall-kriżijiet u l-kapaċità ta' rispons għall-kriżijiet; u l-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss, it-tfal u ż-żgħażaġħ, bħall-edukazzjoni u l-ħiliet;
- fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025"¹², li tinkludi fost l-oħrajn objettivi ta' politika relatati mal-eliminazzjoni tad-disparitajiet bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol, il-kisba ta' parteċipazzjoni ugwali f'setturi differenti u l-kisba ta' bilanċ bejn il-ġeneri fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fil-politika.

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA LI

- l-ambizzjoni taż-ŻER li toħloq qasam uniku u mingħajr fruntieri għar-riċerka, l-innovazzjoni u t-teknoloġija għandha tinfed il-politika Ewropea tar-R&I u t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi.
- miżuri ta' politika tar-R&I, permezz ta' tfassil xieraq tal-azzjonijiet tagħhom, jiffaċilitaw impatt pożittiv fuq is-soċjetà, l-ekonomija u l-ambjent, u jikkontribwixxu għat-tiġid tad-demokrazija u ż-żieda tar-reżiljenza tal-Unjoni.
- proċessi ta' tfassil ta' politika bbażati fuq ix-xjenza jistgħu jtejb u l-kwalità u jsaħħu l-koerenza tal-inizjattivi ta' politika f'setturi u amministrazzjonijiet differenti.

¹¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p.17-75.

¹² 6678/20.

- bħalissa, l-inizjattivi ta' politika fis-setturi kollha jipproġettaw il-ħtieġa kostanti għall-innovazzjoni biex jippromwovu l-iżvilupp ekonomiku, il-protezzjoni ambjentali u l-progress soċjali, li jeħtieġu ekosistemi b'saħħithom tar-R&I. Dawn l-ekosistemi u l-atturi tagħhom jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-distakk attwali fl-innovazzjoni fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali permezz ta' sforzi nazzjonali kontinwi u orjentazzjoni komuni mill-Istati Membri.
- l-RRF tfasslet biex b'mod temporanju tgħin lill-Istati Membri jagħmlu l-ekonomiji u s-soċjetajiet Ewropej aktar sostenibbli, reżiljenti u mħejjija aħjar għall-isfidi u l-opportunitajiet tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Bit-tisħiħ tar-rispons għal avvenimenti ċikliċi jew ċirkostanzjali, bħall-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-coronavirus, u b'konsistenza mar-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż identifikati fir-Rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew, l-RRF ippermettiet lil diversi Stati Membri jiżviluppaw investimenti u riformi ġodda xprunati mill-politika bbażati fuq l-evidenza li jikkomplementaw fondi u strumenti oħra nazzjonali u oħrajn tal-UE.

I. Ix-xjenza fil-proċess tal-politika pubblika biex tittejjeb il-ħajja taċ-ċittadini u tissaħħaħ id-demokrazija

1. IFAKKAR li l-Unjoni għandha tradizzjoni twila ta' dipendenza fuq ix-xjenza u l-aħjar għarfien disponibbli bbażat fuq l-evidenza fid-dixxiplini kollha biex tappoġġa u ttejjeb it-teħid tad-deċizzjonijiet, kif ukoll il-kwalità, l-effettività, l-effiċjenza u l-impatt tal-politiki pubbliċi (il-kunċett "Xjenza għall-Politika"). It-tfassil, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' politiki bbażati fuq l-evidenza iddependew, fost tipi oħra ta' għarfien, fuq proċessi ta' involviment dirett tal-komunitajiet xjentifiċi u/jew mekkaniżmi ta' pariri xjentifiċi għall-awtoritajiet politiċi biex jappoġġawhom fl-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet tagħhom.

Il-kontribut tax-xjenza għat-titjib tat-tfassil tal-politika pubblika

2. JISSOTTOLINJA li, biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni biex jiġu ffaċċjati l-isfidi globali, iż-ŻER teħtieġ:
- a. ekosistema b'saħħitha tar-R&I fl-Istati Membri kollha, ibbażata fuq l-eċċellenza, li ser tiffaċilita aktar il-ġenerazzjoni ta' għarfien xjentifiku ta' kwalità għolja, l-implimentazzjoni ta' politiki ta' xjenza miftuħa kif ukoll l-iżvilupp ta' teknoloġiji u innovazzjoni, inkluż l-innovazzjoni soċjali, b'impatt soċjali, ekonomiku u ambjentali għoli;
 - b. komunitajiet xjentifiċi u ta' innovazzjoni b'saħħithom li jinkoraġġixxu t-talenti, kemm kapaċi kif ukoll impenjati li jikkontribwixxu għall-progress tas-soċjetajiet demokratiċi tagħna billi javvanzaw l-oġġettivi xjentifiċi u teknoloġiċi minn fuq għal isfel u minn isfel għal fuq, li jiksbu riżultati tanġibbli u jikkomunikawhom lil dawk li jfasslu l-politika u lill-pubbliku ġenerali;
 - c. finanzjament akbar, koordinat, immirat u f'sinerġija kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali sabiex ikun hemm rispons aħjar għall-prijoritajiet u l-isfidi tal-Unjoni u tal-Istati Membri;
 - d. tisħiħ ta' kapaċitajiet li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib tal-eċċellenza u l-kompetittività fil-livell nazzjonali u t-tnaqqis tal-frammentazzjoni u d-disparitajiet fir-R&I bejn u fi ħdan l-Istati Membri;
 - e. kapaċità mtejba biex ikun hemm involviment fil-kooperazzjoni fir-R&I mas-sħab internazzjonali u bejn il-pajjiżi u r-regġuni globali filwaqt li tiġi segwita l-Awtonomija Strateġika tal-Unjoni biex tiddefendi l-interessi tal-Unjoni globalment filwaqt li tippreserva ekonomija miftuħa.

3. IQIS li l-oqsma kollha tax-xjenza, inkluż ix-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi, għandu jkollhom rwol aktar sinifikanti fil-proċess tat-tfassil tal-politika għall-identifikazzjoni tal-isfidi politiċi, l-analiżi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u t-tfassil tas-soluzzjonijiet, billi jipproduċu għarfien ibbażat fuq l-evidenza. Dawn l-elementi jistgħu jkunu parti mis-sejbiet inklużi fl-attivitajiet ta' prospettiva u fil-valutazzjonijiet tal-impatt. IFAKKAR li dan għandu jinkiseb f'konformità mal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar li jirrikonoxxu l-evidenza xjentifika bħala pedament. Ix-xjenza għandha tkun ukoll parti ewlenija mill-proċess ta' thejjiġa għal deċiżjonijiet politiċi, kif ukoll għall-implimentazzjoni, l-evalwazzjoni u l-komunikazzjoni tagħhom. JENFASIZZA l-importanza li tiġi inkluża l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli fil-valutazzjonijiet tal-impatt biex jiġi appoġġat il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi biex tiżdied il-kredibbiltà u l-fiduċja taċ-ċittadini fl-azzjoni pubblika, kif ukoll il-valur miżjud tal-leġiżlazzjoni.
4. JENFASIZZA li l-għarfien xjentifiku u l-pariri xjentifiċi għandhom ikunu affidabbli, verifikabbli, robusti, pertinenti u trasparenti, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-libertà xjentifika, l-integrità u l-prinċipji etiċi, bil-ħsieb li jappoġġaw tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza. IFAKKAR li x-xjenza u l-għarfien ibbażat fuq l-evidenza huma mibnija fuq qafas metodoloġiku rigoruż, minkejja li hemm limiti metodoloġiċi u huma soġġetti għal inċertezzi. JINKORAĠĠIXXI komunikazzjoni trasparenti u responsabbli dwar il-proċessi xjentifiċi u t-tixrid ta' evidenza xjentifika użata biex tinforma lil dawk li jfasslu l-politika, kif ukoll l-involviment tas-soċjetà u l-proċessi parteċipattivi taċ-ċittadini fir-R&I, f'konformità mal-valuri demokratiċi. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jissaħħu u jiġu estiżi l-kapaċitajiet għal konsulenza dwar il-politika xjentifika sabiex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet fi ħdan il-valorizzazzjoni tal-għarfien għat-tfassil tal-politika.
5. JENFASIZZA li x-xjenza miftuħa hija wkoll kruċjali għal dawk li jfasslu l-politika u għas-soċjetà inġenerali għall-aċċess u l-użu ta' għarfien xjentifiku ħieles tal-ogħla kwalità. Dan isaħħaħ ir-reżiljenza għad-diżinformazzjoni, jipprevjeni r-reżistenza għall-għarfien u jippromwovi l-fiduċja tal-pubbliku fix-xjenza u fit-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza.

Governanza fit-teħid ta' deċiżjonijiet

6. IFAKKAR li l-formulazzjoni tal-politiki pubbliċi għandha l-għan li tappoġġa l-benesseri taċ-ċittadini u tinvolvi elementi politiċi, finanzjarji, ekonomiċi, ambjentali u soċjali, li għalihom l-għarfien u l-pariri xjentifiċi għandhom iservu bħala kontribut għal dawk li jfasslu l-politika.
7. JENFASIZZA li l-għarfien interdixxiplinari u ibbażat fuq l-evidenza, il-proċessi innovattivi u l-pariri xjentifiċi jistgħu jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-politiki settorjali f'diversi dimensjonijiet ta' politika. JENFASIZZA l-fatt li l-mobilizzazzjoni tal-komunitajiet tar-R&I fil-promozzjoni ta' fehim trasversali u mifruż mal-gvern kollu tal-għarfien xjentifiku tista' sservi biex tkisser is-silos tradizzjonali tal-politiki settorjali, tippromwovi t-tagħlim transsettorjali fl-UE u t-tagħlim bejn il-pari fost l-Istati Membri, u ttejjeb il-koerenza, ir-rilevanza u l-impatt mistenni tal-politiki pubbliċi.
8. JIRRIKONOXXI li l-użu ta' għarfien u pariri xjentifiċi bbażati fuq l-evidenza, u l-mezzi biex dawn jiġu inkorporati fil-politiki pubbliċi, ivarjaw bejn l-Istati Membri skont il-livell ta' governanza, l-ekosistemi konsultattivi tal-politika settorjali u l-proċessi amministrattivi rregolati. JINNOTA li l-intermedjarji, bħal xi strutturi jew mekkaniżmi ta' konsulenza xjentifika, inkluż il-Grupp ta' Konsulenti Xjentifiċi Ewlenin tal-Kummissjoni Ewropea u l-Forum Ewropew tal-Konsulenti Xjentifiċi, jista' jkollhom rwol biex ilaqqgħu flimkien lir-riċerkaturi u lil dawk li jfasslu l-politika, u jistgħu jippreżentaw għażliet ta' politika bbażati fuq l-evidenza biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-politika.

Azzjonijiet futuri

9. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri:

- a. biex tkompli tiżviluppa l-kunċett ta' 'Xjenza għall-Politika' u tippromwovi r-rwol tal-għarfien xjentifiku u bbażat fuq l-evidenza u l-integrazzjoni trasversali tiegħu fil-politiki pubbliċi, billi:
 - i. tkompli żżid is-sensibilizzazzjoni tas-soċjetajiet dwar il-valur miżjud tal-inkorporazzjoni tal-għarfien xjentifiku fit-tfassil, l-iżvilupp u l-użu tal-politiki pubbliċi, u b'hekk iżżid il-fiduċja tas-soċjetà fix-xjenza u r-riċerka kif ukoll il-fiduċja fir-riċerkaturi fost dawk li jfasslu l-politika;
 - ii. tkompli l-azzjonijiet dwar l-immappjar tal-prattiki eżistenti tal-valorizzazzjoni tal-għarfien fit-tfassil tal-politika u s-sistemi u l-mekkaniżmi konsultattivi xjentifiċi istituzzjonali nazzjonali;
 - iii. tanalizza l-ħtiġijiet tal-awtoritajiet tat-tfassil tal-politika għal għarfien xjentifiku u bbażat fuq l-evidenza kif ukoll il-ħtiġijiet tar-riċerkaturi u tal-innovaturi għall-fehim tal-proċess tat-tfassil tal-politika. Dawn il-ħtiġijiet jistgħu jiġu ssodisfati permezz ta' azzjonijiet ta' taħriġ rispettivi li jkopru l-użu ta' għarfien espert xjentifiku u akkademiku sabiex jiġu evalwati l-politiki pubbliċi, bi tweġiba għat-talbiet għal proċessi konsultattivi xjentifiċi, mekkaniżmi u strumenti fil-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali. Dawn l-azzjonijiet għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-adozzjoni ta' pariri xjentifiċi fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;
 - iv. tiżviluppa għodod rilevanti li jippermettu tagħlim kontinwu bejn il-pari, tinkoraġġixxi l-iskambju tal-aħjar Prattiki fix-xjenza għall-politika kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-Unjoni, u tippromwovi mobbiltà minn settur għall-ieħor u miżuri ta' bini tal-kapaċità, b'enfasi partikolari fuq il-benefiċċji tanġibbli tagħhom għas-soċjetà;
 - v. tirrikonoxxi x-xjenza għall-attivitajiet ta' politika bħala wieħed mill-elementi għall-valutazzjoni tal-kapaċità xjentifika tal-istituzzjonijiet ta' riċerka u l-progress fil-karriera tar-riċerkaturi, u jappoġġaw il-parteeipazzjoni ta' riċerkaturi fi stadju bikri tal-karriera f'dawn l-attivitajiet;

- vi. tipprovdi inċentivi adegwati għar-riċerkaturi biex jinvolvu ruħhom fix-xjenza għal attivitajiet ta' politika b'impatt sinifikanti;
 - vii. tirrikonoxxi l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fix-xjenza għall-politika, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-karrieri tan-nisa fix-xjenza biex tikkontribwixxi biex jitnaqqsu d-diskrepanzi bejn il-ħaddiema; kif ukoll fil-kontenut tar-riċerka biex jiġu evitati preġudizzji tal-ġeneru fil-bażi tal-evidenza xjentifika.
- b. irawmu l-istabbiliment ta' xjenza għal ekosistema politika biex tappoġġa u tgħaqqad il-komunitajiet xjentifiċi u tat-tfassil tal-politika fl-Unjoni abbażi tal-prinċipji u l-valuri tal-Patt għar-R&I fl-Ewropa.
 - c. jippromwovu l-kollaborazzjoni ta' networks ta' atturi rilevanti fl-Unjoni, l-iskambju tal-aħjar prattiki u eżerċizzji ta' taġlim reċiproku, u l-istabbiliment ta' kanali ta' komunikazzjoni bidirezzjonali biex jarrikkixxu d-djalogu bejn il-komunitajiet xjentifiċi u dawk li jfasslu l-politika pubblika f'diversi oqsma ta' politika, inkluż ir-R&I; u b'hekk, il-promozzjoni tal-involvement tas-soċjetà mingħajr preġudizzju għad-djalogi ta' politika eżistenti.
10. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tippromwovi strumenti u attivitajiet li jagħtu valur lill-kunċett "Xjenza għall-Politika", inkluż id-dimensjoni tal-valorizzazzjoni tal-għarfien tiegħu, kif ukoll biex tiżviluppa aktar l-ġhodod u l-programmi għad-djalogi intersettorjali, it-taħriġ u l-mobbiltà tal-persunal bejn l-istituzzjonijiet xjentifiċi u l-amministrazzjonijiet pubbliċi, u biex trawwem l-użu ta' dawk eżistenti. Ir-rwol importanti ta' dan il-persunal bħala faċilitaturi u "pontijiet" bejn strutturi differenti għandu jiġi rikonoxxut u appoġġat.
11. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex trawwem l-użu tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, u l-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki biex tappoġġa lil dawk li jfasslu l-politika pubblika u ssaħħaħ l-istrutturi pubbliċi għall-pariri xjentifiċi.

II. Rwol aktar b'saħħtu għall-innovazzjoni lokali u reġjonali biex jissaħħu l-ekosistemi kompetittivi tar-R&I

12. IFAKKAR li l-iżvilupp reġjonali huwa primarjament ir-responsabbiltà tal-gvernijiet nazzjonali u reġjonali, li jistgħu jużaw il-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni u l-S3 biex iżidu l-interazzjoni u l-kooperazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati differenti tal-ekosistemi tal-innovazzjoni u jnaqqsu d-disparitajiet. JISSOTTOLINJA li l-Unjoni għandha wkoll rwol importanti fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni interreġjonali u l-iskambju tal-aħjar prattiki lil hinn mill-fruntieri nazzjonali.
13. JISĦAQ li, minbarra programmi oħra ta' finanzjament, il-programm qafas tar-R&I għandu jkompli jixpruna l-eċċellenza fir-riċerka fl-Istati Membri kollha. IQIS li, mingħajr preġudizzju għan-negozjati tal-programmi futuri tar-R&I tal-UE, koordinazzjoni akbar bejn l-ekosistemi tal-innovazzjoni u użu aktar effiċjenti tal-kapaċitajiet u r-riżorsi kollha fil-livelli Ewropej, nazzjonali u reġjonali jtejb u l-kompetittività u l-prestazzjoni tal-innovazzjoni tal-Unjoni.
14. IFAKKAR li l-atturi reġjonali u lokali għandhom rwol importanti fil-bini ta' ekosistemi tar-R&I u strateġiji ta' tkabbir globalment kompetittivi. It-tisħiħ tal-kapaċitajiet lokali u l-investimenti inizjali jistabbilixxu s-sisien għal ekosistema tal-innovazzjoni Ewropea ta' suċċess li twassal għall-kompetittività Ewropea.
15. IFAKKAR li ż-ŻER il-ġdida għandha tkun ibbażata fuq il-fiduċja u r-responsabbiltajiet kondiviżi, bil-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati u ċ-ċittadini, filwaqt li tibni fuq l-involviment tas-soċjetà, id-diversità u l-punti b'saħħithom tal-ekosistemi Ewropej tar-R&I. JIRRIKONOXXI l-isforzi tal-Kummissjoni biex tkejjel il-prestazzjoni tas-sistemi nazzjonali u reġjonali tar-R&I fl-Unjoni permezz tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea annwali u t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Reġjonali biennali, li juru li, minkejja l-fatt li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE żiedu l-prestazzjoni tagħhom, għad hemm distakk sinifikanti fl-innovazzjoni bejniethom. ITENNI li hemm ħafna potenzjal madwar l-Ewropa biex tissaħħaħ il-prestazzjoni tal-ekosistemi tagħha tar-R&I. JIEĦU NOTA tal-potenzjal ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni aktar mill-qrib fir-R&I fiż-ŻER bejn il-livelli Ewropej, nazzjonali u reġjonali sabiex jitnaqqas id-distakk fir-R&I fl-Unjoni.

16. IFAKKAR li n-NEIA tissottolinja l-isfida tat-tisħiħ tal-interkonnessioni bejn l-ekosistemi tal-innovazzjoni Ewropej. JENFASIZZA l-fatt li d-dimensjoni reġjonali tospita żoni rurali u urbani li jeħtieġu flessibbiltà u inklużività akbar fl-istrumenti ta' appoġġ, kif ukoll avvanzi fil-koordinazzjoni tal-politika f'diversi livelli bejn l-awtoritajiet tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali.
17. JIEĦU NOTA tal-oġġettiv tan-NEIA li jiġu kkonsolidati u konnessi l-ekosistemi tal-innovazzjoni multipli u ġeografikament mifruxa fl-Ewropa, u JIEĦU NOTA tal-Widien tal-Innovazzjoni Reġjonali u l-proġett pilota tas-Sħubijiet għall-Innovazzjoni Reġjonali - inizjattivi li għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-kollaborazzjoni transfruntiera bejn reġjuni inqas u aktar innovattivi b'S3 komplementari.
18. JIRRIKONOXXI li l-innovazzjoni tkopri varjetà ta' setturi u tinkludi l-innovazzjoni teknoloġika kif ukoll dik soċjali. IQIS li l-enfasi tan-NEIA fuq l-innovazzjoni, it-talenti u l-intraprenditorija tad-deep-tech hija xierqa għall-konsolidazzjoni u l-iżvilupp tat-tmexxija teknoloġika, il-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa. JENFASIZZA l-hteġa li tiġi appoġġata l-parteċipazzjoni minn Stati Membri u reġjuni innovattivi emerġenti u moderati fi proġetti tad-deep-tech, li titrawwem il-kooperazzjoni ma' Stati Membri u reġjuni innovattivi ewlenin u b'saħħithom, kif ukoll li n-negozji jiġu konnessi ma' xjenza mill-aktar avvanzata, biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament u biex jiġu attirati u jinżammu t-talenti.

Il-hteġa li tittejjeb il-governanza tal-kooperazzjoni nazzjonali u reġjonali u l-allinjament tal-portafoll tal-politika

19. IFAKKAR fir-rwol tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni u l-S3 biex jitrawmu l-innovazzjoni u l-kompetittività fl-Istati Membri u r-reġjuni kollha tal-UE. JENFASIZZA l-fatt li l-inizjattivi li jappoġġjaw l-ekosistemi Ewropej tar-R&I u l-inizjattivi l-ġodda mnedija għall-użu tan-NEIA għandhom jitfasslu biex joħlqu sinerġiji mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni u l-fondi tar-R&I, filwaqt li jitqiesu r-responsabbiltajiet nazzjonali u reġjonali u l-oqfsa leġiżlattivi differenti.

20. JENFASIZZA li l-iskambju u l-kooperazzjoni mill-qrib bejn Stati Membri u reġjuni tal-UE inqas innovattivi u dawk ferm innovattivi jistgħu jikkontribwixxu b'mod effiċjenti għall-iżvilupp ulterjuri tal-kapaċitajiet tar-R&I u għat-tnaqqis tad-disparitajiet bejniethom. IFAKKAR li l-Kummissjoni stimulat ekosistemi ta' innovazzjoni reġjonali permezz tal-qafas ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u JIRRAKKOMANDA li l-Kummissjoni tevalwa l-impatt ta' inizjattivi reċenti bħall-Iskema ta' Innovazzjoni Reġjonali tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija u tistabbilixxi konnessjonijiet bejn id-diversi Inizjattivi Ewlenin tan-NEIA.
21. JAPPOĠĠA l-Approċċ Globali tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni biex tiġi promossa l-kooperazzjoni għall-allinjament tal-politiki internazzjonali tar-R&I mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali tal-ekosistemi tal-innovazzjoni Ewropej, abbażi tal-prinċipji u l-valuri tal-Patt għar-R&I fl-Ewropa.
22. JISĦAQ li l-infrastrutturi tar-riċerka jikkostitwixxu pilastru fundamentali ta' ekosistemi eċċellenti tar-R&I, li jattiraw utenti minn varjetà ta' oqsma xjentifiċi u jiffaċilitaw il-kollaborazzjoni, u saru ċentri multidixxiplinari fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, li jippermettu l-arrikkiment reċiproku bejn id-dixxiplini kollha kif rifless fid-Dikjarazzjoni ta' Tenerife dwar "Id-Dimensjoni Globali u s-Sostenibbiltà tal-Infrastrutturi tar-Riċerka".

Azzjonijiet futuri

23. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex:
- a. tisfrutta l-kompetittività tal-ekosistemi Ewropej tal-innovazzjoni reġjonali, tippromwovi l-impatt tagħhom fi speċjalizzazzjonijiet intelliġenti interreġjonali u tisfrutta l-komplementarjetajiet fil-kapaċitajiet tar-R&I, filwaqt li tingħata attenzjoni lill-ħtieġa li jsir progress biex jingħalaq id-distakk fl-innovazzjoni fl-Ewropa billi jissaħħu l-bażi tax-xjenza u l-ekosistemi tal-innovazzjoni fil-pajjiżi u r-reġjuni kollha tal-UE.
 - b. f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, fejn xieraq, tintroduċi miżuri biex tikkoordina inizjattivi tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali biex jattiraw jew iżommu t-talent u jtejbu l-kapaċitajiet tagħhom tar-R&I.

- c. f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, iżżid il-koordinazzjoni bejn ir-R&I u politiki rilevanti oħra, b'mod partikolari l-politiki diġitali u industrijali, sabiex ikollha l-eċċellenza u l-impatt fil-mira, u tappoġġa l-innovazzjoni trasformattiva u l-ktajjen tal-valur industrijali innovattivi, u timmobilizza ċentri tal-innovazzjoni.
- d. f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tidentifika u tippromwovi politiki tar-R&I infurmati dwar l-evidenza, bil-ħsieb li jintlaħqu sfidi u ħtiġijiet nazzjonali, reġjonali u lokali speċifiċi, li jikkontribwixxu għall-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni u dawk nazzjonali.
- e. f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex issaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi f'approċċ ta' Tim Ewropa, permezz ta' azzjonijiet speċifiċi li jappoġġaw l-ekosistemi internazzjonali tar-R&I fil-qafas tal-Global Gateway tal-UE tal-Kummissjoni u l-Approċċ Globali għar-R&I. B'mod partikolari, biex issaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Istati tal-Amerka Latina u tal-Karibew, fil-kuntest tas-Summit tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern UE-CELAC.

III. L-impatt tal-politika tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fuq l-oġettivi ewlenin tal-Unjoni tal-politika tar-R&I u ż-ŻER

- 24. JISĦAQ li r-riformi u l-investimenti fl-ambitu tal-Faċilità għandhom b'mod partikolari jtejbu r-reżiljenza, it-tħejjija għall-kriżijiet, il-kapaċità ta' aġġustament u l-potenzjal ta' tkabbir tal-Istati Membri, u b'hekk jikkontribwixxu għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni flimkien ma' ekonomija miftuħa u jiġġeneraw valur miżjud Ewropew kif ukoll jippromwovu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Il-miżuri tar-R&I ffinanzjati mill-RRF għandhom il-kapaċità li jikkontribwixxu għat-trasformazzjoni tal-ekosistema Ewropea tar-R&I permezz ta':
 - a. riformi sostenibbli u investimenti pubbliċi relatati fil-livell nazzjonali, b'ħafna Stati Membri jiddedikaw proporzjon sostanzjali tal-investimenti u r-riformi tagħhom tal-RRF għar-R&I, bl-għan li jiksibu impatt soċjali sistemiku u bidliet bħala xprun ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien.

- b. il-bini ta' ŻER diversa, xprunata mill-eċċellenza u li tiffunzjona tajjeb, bl-għan li jinstabu soluzzjonijiet biex jinkisbu l-prijoritajiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali bħat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u biex jiġu indirizzati sfidi sinifikanti oħra tas-soċjetà.
25. JISĦAQ li, f'diversi każijiet, l-Istati Membri inkludew fl-istadju tat-tfassil tal-azzjonijiet tagħhom tal-RRF, fejn possibbli, xi investimenti biex jikkomplementaw, isaħħu u jistabbilixxu sinerġiji, inkluż l-addizzjonalità tal-Faċilità ma' fondi oħra tal-Unjoni u mal-istrumenti u l-azzjonijiet tradizzjonali tar-R&I li jinsabu fil-fondi nazzjonali u Ewropej tar-R&I.
26. JENFASIZZA li l-RRF hija kkaratterizzata minn perjodu ta' tfassil, finanzjament u implimentazzjoni limitat fiż-żmien kif ukoll regoli ta' addizzjonalità u komplementarjetà tal-fondi li ppermettew lill-Istati Membri jaġixxu fuq il-prijoritajiet nazzjonali u Ewropej. JISSOTTOLINJA li r-Regolament dwar l-RRF jippermetti sinerġiji ma' programmi u strumenti oħra tal-Unjoni. IFAKKAR li s-sinerġiji bejn il-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni, nazzjonali u, fejn disponibbli, reġjonali, għadhom jikkostitwixxu kemm sfida ewlenija kif ukoll opportunità biex jintlaħaq l-oġettiv tat-tisħiħ tal-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi Ewropej. JILQA' l-isforzi li saru mill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jindirizzaw l-isfidi persistenti u JISTEDINHOM ikomplu din il-ħidma.
27. IFAKKAR fir-rwol li l-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Programm Qafas tal-Unjoni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-istrumenti tal-politika ta' Koeżjoni jista' jkollhom fl-appoġġ taż-ŻER il-ġdida. JIRRIKONOXXI li f'diversi każijiet l-Istati Membri allokaw finanzjament tal-RRF għal azzjonijiet fil-politiki tar-R&I li jistgħu jappoġġjaw uħud mill-prijoritajiet taż-ŻER il-ġdida, bħal:
- a. il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fir-R&I. JISĦAQ li xi Stati Membri inkludew miżuri għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri - bħal aktar programmi biex jappoġġaw l-imprendituri nisa u l-iżvilupp professjonali tagħhom u biex jattiraw it-talent femminili lejn karrieri fl-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika - kif ukoll azzjonijiet li jindirizzaw id-disparità bejn il-ġeneri fir-R&I.

- b. il-promozzjoni tal-koeżjoni territorjali permezz tar-R&I. JISĦAQ li xi Stati Membri inkludew miżuri biex isaħħu l-ekosistemi nazzjonali u reġjonali tar-R&I u l-koeżjoni territorjali, u biex jiffaċilitaw il-koordinazzjoni u sistemi ta' governanza aħjar fost il-korpi nazzjonali u reġjonali.

Azzjonijiet futuri

28. IFAKKAR li l-Kummissjoni qed twettaq evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-RRF, li ser tiġi ppreżentata sa Frar 2024. JISTIEDEN lill-Kummissjoni twettaq studju separat li jikkomplementa din l-evalwazzjoni, filwaqt li tevita kwalunkwe duplikazzjoni, tiffoka fuq l-azzjonijiet tar-R&I inklużi fl-RRF biex tappoġġa t-tagħlim tal-politika, u tqis ukoll id-differenzi fit-tfassil bejn l-RRF u fondi oħra tal-Unjoni fir-rigward ta':
- a. il-kontribut għat-trawwim tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u, fejn xieraq, għattnaqqis tad-disparitajiet fir-R&I fil-livell reġjonali u nazzjonali u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.
 - b. il-kontribut għat-tisħiħ tas-sistemi nazzjonali tar-R&I.
 - c. il-kontribut tal-miżuri tar-R&I tal-Faċilitajiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza nazzjonali għall-avvanz tal-Aġenda ta' Politika taż-ŻER u l-Aġenda Ewropea l-Ġdida għall-Innovazzjoni.
 - d. il-punt sa fejn l-Istati Membri sfruttaw is-sinerġiji bejn l-RRF u fondi oħra tal-Unjoni fir-R&I u l-azzjonijiet ta' politika settorjali fejn ix-xjenza u t-teknoloġija għandhom rwol sinifikanti, filwaqt li jidentifikaw l-istrumenti u l-mekkaniżmi implimentati u l-ostakli li xekklu l-kombinazzjoni ta' sorsi differenti, kif ukoll jiddokumentaw l-aħjar prattiki biex jiffaċilitaw it-tagħlim reċiproku.
29. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tinforma lill-Istati Membri dwar is-sejbiet ta' dan l-istudju għall-iżviluppi futuri tal-politika tar-R&I fil-livelli Ewropej u nazzjonali u dwar is-sejbiet tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-RRF. IFAKKAR li għodod eżistenti tal-Kummissjoni, bħall-Istrument ta' Appoġġ Tekniku u l-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki ta' Orizzont, jistgħu jgħinu fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' riformi.